MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15/09 (Laqgħa B'Urġenza)

**Il-Ħamis 20 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romeo Baldacchino – Sindku Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

---

AĠENDA

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

15.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2024;

15.3 Tmiem tal-laqgħa.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa ta` filgħaxija (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**15.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija mill-Kunsillier S Caruana u l-Kunsilliera C Chetcuti. Dawn l-apoloġiji ġew aċċetati minn dawk preżenti.

**15.2 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statement għas-sena 2024;**

Ġie preżentat l-Unaudited Financial Statement għas-sena 2024 li ġie preparat mill-accountant tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li matul is-sena 2024 kien sar inqas infiq mid-dħul li kien hemm matul is-sena, fejn dan ifisser li sena nagħlqet b'surplus ta' madwar €25,800. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tispjega li l-ikbar żiedet ta' spejjez matul is-sena 2024 kienu fil-professional fees, fil-manutenzjoni tal-postijiet pubbliċi, fil-waste disposal , tiswija ta' lampi u f'office services. Matul is-sena 2024 kien hemm tnaqqis fl-ispejjez relatati mall-operations and Maintenance. Is-Sindku żied jgħid li spejjez speċjalment fil-ġbir u rimi ta' skart dejjem qed jiżdied. Is-Sindku qal li meta napplikaw għal xi skemi, il-Kunsill dejjem irid joħroġ ammont mill-allokazzjoni tiegħu. Dwar il-binja tal-Kunsill, is-Sindku qal li ser ikompli jitlob l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

**15.3 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-Laqgħa ntemmet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

Konfermati, illum il-Ħamis 6 ta' Marzu 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv